MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Numru. 232/2001

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Agius)
vs
Emanuel Azzopardi

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Emanuel Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita Nru 0373077(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli nhar il-25 ta' Marzu, 2001 ghall-habta ta' 14.45hrs, fi Triq Birzebbugia limiti ta' Hal-Ghaxaq, volontarjament hassar jew ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor fuq vettura tal-marka KIA Avella bin-numru ta' registrazzjoni KAD 695, liema hsara tiskorri l-hamsin lira, izdja mhux il-hames mitt lira ghad-dannu ta' Michael Borg miz-Zejtun bi ksur tal-Art. 325(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied u dagha fil-pubbliku, bi ksur tal-Artikolu 338(dd) u l-Artikolu 339(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Mlata;

Talli fl-istess cirkostanzi saq vettura CBF 641 ghamla Peugeot b'mod traskurat u perikoluz;

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija minbarra il-piena stipulata mil-Ligi tissospendi lill-akkuzat minn kull licenzja tas-seqan;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda illi gew prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fil-25 ta' Marzu, 2001 certu Michael Borg ghamel rapport l-ghassa taz-Zejtun fis-sens illi huwa kien qieghed isuq il-vettura tieghu f'Birzebbugia Road Hal-Ghaxaq u meta gie hdejn is-Showroom ta' Montebello giet vettura ohra vicin tieghu u din il-vettura ippruvat tissikkah lejn in-naha tal-hajt u per konsegwenza kellu bil-fors jersaq lejn il-hajt. Huwa ghadda bil-vettura tieghu u baqa sejjer lejn it-triq ta' Marsaxlokk. Dak il-hin id-dawl kien ahmar u kellu jieqaf fit-'traffic lights'. Fil-pront giet il-vettura li kienet issikkatu qabel, waqfet warajh u certu Emanuel Azzopardi, l-imputat fuq imsemmi illi skond PS1386 Anthony Agius li ha l-okkorrenza kien passiggier fil-vettura beda jinsulentah u jidghi. Nizel mill-vettura, mar hdejn u beda jaghtih fuq il-vettura tieghu u kompla jinsulentah u jidghi. Dak il-hin il-kwerelant qal lis-Surgent

illi ma kellu alternattiva hlief illi jaghmel U-turn u jitlaq minn fejn kien gie qabel. Michael Borg, il-kwerelant kien kompla jghid illi l-vettura kienet qed tigi misjuqa minn certa Natasha Caruana. Pero’ skond is-Surgent meta kellem lill-imputat, l-imputat qallu li hu kien qieghed isuq il-vettura u mhux Natasha Caruana.

Illi giet esebita vera kopja tal-okkorrenza illi tinsab a fol. 15 sa fol. 18 tal-process. Illi minn din l-okkorrenza jirrizulta illi l-kwerelant qal lill-pulizija illi l-vettura kienet misjuqa minn Natasha Caruana u mhux mill-imputat. Mill-istess okkorrenza jirrizulta illi meta l-imputat gie mitkellem mill-pulizija huwa qal li kienet Natasha Caruana illi kienet qeghda issuq il-vettura. Il-pulizija kellmu wkoll lil Natasha Caruana skond l-okkorrenza illi wkoll ikkonfermat illi hi kienet qeghda isuq il-vettura. L-imputat skond l-istess okkorrenza qal lill-pulizija illi huwa fl-ebda hin ma kien ghamel xi hsara fil-vettura tal-kwerelant.

Illi xehed il-kwerelant f’dawn il-proceduri, Michael Borg u qal illi dakinhar kif imsemmi fl-imputazzjoni kien qieghed isuq lejn Birzebbugia, Bir id-Deheb meta giet vettua minn naha tal-lemin tieghu. Huwa kien fuq l-‘outer lane’ u din il-vettura tefghet hdejh. X’hin ipprova jersaq, il-vettura habtet mas-‘central strip’ u laqtitha. Huwa baqa ghaddej u waqaf fit-‘traffic light’ quddiem il-pompa tal-petrol. Skond il-kwerelant il-vettura giet minn warajh, zammet ‘break’ qawwi u nizel ghalih l-imputat illi skond il-kwerelant Michael Borg kien qieghed isuq il-vettura. Dejjem skond il-kwerelant l-imputat qaghad jaghti mal-karozza u jidghi u jistiednu ghall-glied. Kif ra hekk dawwar u mar minn fejn kien gie u ha n-numru tal-vettura in kwistjoni. Baqa sejjer l-ghassa u ghamel rapport.

Illi l-imputat kien gie mitkellem mill-pulizija u irrilaxxja stqarrija fejn minn l-ewwel kien qal illi ma kienx hu li kien qieghed isuq il-vettura, imma kienet il-mara tieghu li kienet qeghda issuqha. Huwa qal fl-istqarrija illi huwa kien offenda lis-sewwieq tal-vettura l-ohra ghaliex hu wkoll kien offendih, pero’ fl-ebda hin ma kien messlu l-karozza.

Illi xehdet it-tfajla tal-kwerelant, fis-sens illi dakinhar in kwistjoni kien qieghed isuq l-imputat.

Illi l-Qorti tinnota illi fl-okkorrenza hemm imnizzel illi t-tfajla tal-kwerelant, kif ghamel l-istess kwerelant kienet qalet lill-pulizija illi dakinhar kienet qeghda isuq it-tfajla tal-imputat u mhux l-imputat. Mentri meta xehdet fil-Qorti, kif ghamel il-kwerelant, biddlet il-verzjoni taghha u qalet illi kien qieghed isuq l-imputat u mhux it-tfajla jew il-mara tieghu. Nadya Buhagiar xehdet ukoll illi l-imputat, illi skond hi kien qieghed isuq il-vettura, waqqaf il-vettura, hareg, beda jaghti fuq il-karozza taghhom u jidghi.

Illi xehed l-imputat f’dawn il-proceduri u qal illi dakinhar in kwistjoni kienet qeghda isuq il-vettura il-mara tieghu u mhux hu. L-imputat kompla jixhed billi cahad b’mod kategoriku illi ghamel xi hsarat fuq il-vettura tal-kwerelant. Mistoqsi jekk jiftakarx li kien ghamel xi stqarrija l-imputat xehed illi huwa ma jiftakarx u lanqas ftakar jekk il-verzjoni li kien ta fil-Qorti kienitx l-istess bhal dik li ta lill-pulizija fl-istqarrija tieghu.

Illi l-Qorti ovvjament kellha kull opportunita illi tqabbel il-verzjoni illi ta l-Qorti l-imputat ma dik illi ta lill-pulizija fl-istqarrija tieghu u tara illi fil-fatt il-verzjoni tal-imputat baqghet konsistenti, mentri dik tal-kwerelant imbiddlet fis-sens illi fl-okkorrenza hemm imnizzel illi huwa kien qal lill-pulizija illi l-vettura kienet qeghda tigi misjuqa mill-mara tal-imputat, u meta xehed fil-Qorti il-kwerelant biddel il-verzjoni tieghu u qal illi kien l-imputat li kien qieghed isuq il-vettura u ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara illi x-xhieda tal-kwerelant u tat-tfajla tieghu mhijiex wahda kredibbli.

Illi xehdet f’dawn il-proceduri Natasha Caruana, it-tfajla tal-imputat, illi ikkonfermat dak illi fil-fatt hemm imnizzel fl-okkorrenza fis-sens illi Natasha Caruana xehdet illi kienet hi li kienet qeghda isuq il-vettura u mhux l-imputat.

Ikkunsidrat :

Illi certament it-tielet akkuza ma giet bl-ebda mod ippruvata u dana peress illi jirrizulta mill-okkorrenza illi

kienet Natasha Caruana li kienet qeghda isuq il-vettura u mhux l-imputat.

Illi dwar l-ewwel imputazzjoni l-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni u dana peress illi hemm konflitt car ta’ provi u inoltre irrizulta, kif diga intqal, illi l-kwerelant u t-tfajla tieghu mhumiex kredibbli, l-ewwel jghidu lill-pulizija li l-vettura kienet misjuqa mit-tfajla tal-imputat, umbaghad meta jixhdu fil-Qorti jghidu li kien l-imputat li kien qieghed isuq il-vettura.

Illi l-imputat, meta kien qieghed jixhed f’dawn il-proceduri, minkejja l-fatt illi nesa li kien irrilaxxja stqarrija lill-pulizija u allura ovvjament nesa wkoll il-verzjoni li kien ta fl-istqarrija xehed fis-sens illi mhux hu kien qieghed isuq il-vettura, imma l-vettura kienet qeghda tigi misjuqa mit-tfajla tieghu.

Illi umbaghad meta inqratlu l-istqarrija gie ikkonfermat illi fil-fatt dik kienet l-istess verzjoni li kien ta a tempo vergine lill-pulizija meta kien irrilaxxalhom l-istqarrija u cioe’ illi huwa ma kienx qieghed isuq il-vettura, imma kienet qeghda issuqha t-tfajla tieghu.

Illi l-imputat dejjem baqa konsistenti fil-verzjoni illi ta pero’ ma jistax jinghad l-istess ghall-verzjoni illi ta l-kwerelant, illi umbaghad giet mibdula meta l-kwerelant xehed fil-Qorti.

Illi dwar it-tieni imputazzjoni din tirrizulta minn ammissjoni tal-istess imputat.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija u in rikapitilazzjoni l-Qorti qeghda tillibera lill-imputat fuq imsemmi mill-ewwel u mit-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda issibu hati tat-tieni imputazzjoni, u wara li l-Qorti rat l-Artikoli 338 (dd), 338 (bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qeghda tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi ghall-ammenda ta’ hamsa u ghoxrin lira (LM25).

---------------------------------TMIEM---------------------------------